4.3. Uffiċjali pubbliċi li għandhom grad fi klassi partikolari, u li ngħataw il-ħatra ta' Officer in Scale permezz ta' deċiżjoni tal-Grievances Unit fl-istess skala ta' dak ta' grad ogħla fl-istess klassi, huma eliġibbli li japplikaw għal gradi miftuħa għal uffiċjali li għandhom tali grad ogħla bl-istess skala ta' dik tal-ħatra ta' Officer in Scale.

AND

iii. in possession of a recognised qualification at MQF Level 5 (subject to a minimum of 60 ECTS credit or equivalent*) i Health and Safety.

*A recognised qualification comparable to 60 ECTS credits, as applicable, is only accepted subject to an MQRIC form recognition statement being submitted with the application (subject to the provisions of clause 5.4 of the General Provisions document).

Public officers applying for this post must be confirmed in their current appointment, unless the current appointment is in a different class/career stream or in a definite position, but may apply for a lower grade/position even if not confirmed and whether in the same stream or not. Reversion to previous unconfirmed appointment is not possible.

4.2 i. Candidates who have not yet formally obtained or are not yet approved for the qualification specified in paragraph 4.1 or else as indicated in paragraph 3.1 of the general provisions (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_ENG.pdf) will still be considered provided that they submit evidence that they are in the final phase of their course leading to such qualification. Appointees must obtain, or be approved, for the award of such qualification within one year of their appointment date. If this stipulated deadline for the attainment of such qualification is not met, the appointment will be, for this reason, automatically terminated.

ii. Furthermore, candidates who are currently following a recognised programme of study at a higher MQF level than that requested above will also be considered. Such candidates are to submit evidence that they have successfully completed the necessary ECTS credits, or equivalent, and attained the required MQF level, by the closing time and date of the ca for applications. Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respec of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this ca for applications (see link below).

4.3 Public officers holding a grade in a particular stream, and who were granted Officer in Scale status by virtue of a Grievances Unit decision in the same scale as that of a higher grade in that stream, are eligible to apply for grades open to officers holding such higher grade within the stream that carries the same scale as that of the Officer in Scale status.

Is-snin ta' servizz mid-data ta' meta daħlet fis-seħħ il-ħatra bħala Officer in Scale jgħoddu bħala parti mis-snin ta' servizz mitluba fis-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Kwalunkwe kriterju ieħor ta' eliġibbiltà għall-post irid jiġi sodisfatt skont din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.4 Uffiċjali pubbliċi li bħalissa għandhom ħatra bħala Uffiċjal fil-Grad huma kkunsidrati fuq bażi personali li jappartjenu għall-klassi/linja tal-grad sostantiv immedjatament preċedenti tagħhom, u jistgħu japplikaw fuq il-bażi tal-iskala kurrenti tagħhom bħala Uffiċjal fil-Grad, li għandha tkun ekwivalenti għal, jew ogħla minn, il-livell ta' eliġibbiltà meħtieġ minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-snin ta' servizz mid-data effettiva tal-ħatra bħala uffiċjal fil-Grad huma kkalkulati għall-iskop li jissodisfaw is-snin meħtieġa ta' 'servizz fil-grad' kif stipulat fis-sejħiet għall-applikazzjonijiet.

Kwalunkwe rekwiżit ieħor ta' eliġibbiltà għall-post/pożizzjoni għandu jintlaħaq f'termini ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati/traskrizzjonijiet u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tal-Portal tar-Reklutaġġ (https://recruitment.gov.mt).

5.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-Għażla

6.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-post. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

6.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 4.1 sa 4.4, għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

7.1 L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tad-Direttur Ġenerali għall-Operat, Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Indafa Pubblika, permezz tal-Portal tar-Reklutaġġ tal-Gvern online **biss** (https://recruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae kompletament aġġornat (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant u l-istorja

The years of service since the effective date of appointment as Officer in Scale are reckonable for the purpose of satisfying any requisite years of service stipulated in calls for applications.

Any other eligibility requisites for the post must be met in terms of this call for applications.

4.4 Public officers who currently hold an appointment as Officer in Grade are considered on a personal basis to pertain to the class/stream of their immediately previous substantive grade, and may apply on the basis of their current scale as Officer in Grade, which must be equivalent to, or higher than, the requisite eligibility level required by this call for applications.

The years of service since the effective date of appointment as Officer in Grade are reckonable for the purpose of satisfying any requisite years of 'service in the grade' as stipulated in calls for applications.

Any other eligibility requisites for the post/position must be met in terms of this call for applications.

Submission of Supporting Documents

5.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates/transcripts and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent through the Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

5.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection Procedures

6.1 Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the post. The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

6.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 4.1 to 4.4, have proven relevant work experience.

Submission of Applications

7.1 Applications are to be submitted, for the attention of the Director General (Operations), Ministry for the Environment, Energy and Public Cleanliness, through the online Government Recruitment Portal **only** (https://recruitment.gov.mt). Applications are to include a Curriculum Vitae, completely up to date (which should include a list of qualifications held by applicant and the

tal-impjieg). Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija l-5.15 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 21 ta' Novembru, 2025. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

7.2 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar mument biex jissottemettu l-applikazzjoni tagħhom.

7.3 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

7.4 Applikanti jingħataw sa jumejn (2) xogħol wara d-data u l-ħin tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

8. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
applikazzjonijiet laterali;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
kwalifiki f'livell ogħla;
livell komparattiv tal-impjegati tas-Settur Pubbliku;
rinunzji ta' applikazzjonjiet pendenti;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku;
proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti,

jistgħu jiġu aċċessati minn (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_MT.pdf) jew jinkisbu mid-Direttorat għas-Servizzi Korporattivi (Attn: Assistent Direttur, Riżorsi Umani), Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Indafa Pubblika, 6, Triq Ħal Qormi, Santa Venera SVR 1302. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku u l-indirizz elettroniku tad-dipartiment/diviżjoni/direttorat huma (sustainability.gov.mt) u (humanresources.meec@gov.mt).

Is-7 ta' Novembru, 2025

employment history). The closing date of the receipt of applications is 5.15 p.m. (Central European Time) of Friday, 21st November, 2025. A computer-generated email will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

7.2 It is the responsibility of the applicants not to leave until the last moment for submission of their application.

7.3 Applications which are received after closing date and time (i.e. late applications) are not allowed.

7.4 Applicants are granted up to two (2) working days after closing date and time of this call for applications, to submit any incorrect or incomplete or missing documents.

Other General Provisions

8. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;

lateral applications;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
qualifications at a higher level;
comparative level of Public Sector employees;
renouncement of pending applications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents,

may be accessed from (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_ENG.pdf) or may be obtained from Corporate Services Directorate (Attn: Assistant Director, Human Resources), Ministry for the Environment, Energy and Public Cleanliness, 6, Triq Ħal Qormi, Santa Venera SVR 1302. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

The website address and email address of the receiving department/division/directorate are (sustainability.gov.mt) and (humanresources.meec@gov.mt).

7th November, 2025

AWTORITÀ TA' STANDARDS TA' ĦARSIEN SOĊJALI

L-Awtorità ta' Standards ta' Ħarsien Soċjali tgħarraf rigward il-vakanzi li ġejjin:

Post ta' Manager II (Finance Unit) skont in-numru tal-permess ta' Jobsplus: 1014/2025;
Post ta' Manager II (IT Unit) skont in-numru tal-permess ta' Jobsplus: 750/2025;
Post ta' Junior Assessor skont in-numru tal-permess ta' Jobsplus: 1055/2025

Partijiet interessati jistgħu jitolbu dettalji permezz ta' ittra elettronika lil (recruitment.scsa@gov.mt) jew iniżżlu d-deskrizzjoni tax-xogħol minn (https://scsa.gov.mt/mt/Pages/Vacancies.aspx).

Id-data tal-għeluq tas-sottomissjonijiet tal-applikazzjonijiet hija nhar it-Tlieta, 18 ta' Novembru, 2025. Sottomissjonijiet li jaslu wara din id-data ma jkunux ikkunsidrati.

Is-7 ta' Novembru, 2025

SOCIAL CARE STANDARDS AUTHORITY

The Social Care Standards Authority has the following vacancies:

Post of Manager II (Finance Unit) as per Jobsplus permit number: 1014/2025;
Post of Manager II (IT Unit) as per Jobsplus permit number: 750/2025;
Post of Junior Assessor as per Jobsplus permit number: 1055/2025

Interested parties may request details by sending an email to (recruitment.scsa@gov.mt) or download the Job Description form (https://scsa.gov.mt/mt/Pages/Vacancies.aspx).

The deadline for the submission of applications is Tuesday, 18th November, 2025. Late submissions will not be accepted.

7th November, 2025

MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA U R-RIFORMA TAS-SETTUR TAL-KOSTRUZZJONI

Kostituzzjoni ta' Malta (Artikolu 96B(1))
Ħatra ta' Mħallef

Il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni jistieden applikazzjonijiet għall-ħatra ta' Mħallef (1).

L-applikanti għandhom jissodisfaw il-kriterji tal-Artikoli 96 u 96B(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Ħadd ma jkun kwalifikat biex ikun maħtur Imħallef kemm-il darba għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw b'kollox għal mhux anqas minn tnax-il sena ma jkunx jew eżerċita bħala avukat f'Malta jew serva bħala Maġistrat f'Malta, jew f'parti hekk eżerċita u f'parti hekk serva.

L-applikazzjonijiet jiġu evalwati mill-Kumitat dwar il-Ħatriet tal-Ġudikatura stabbilit permezz ta' Artikolu 96A tal-Kostituzzjoni.

Applikazzjonijiet għandhom jinkludu d-dokumenti kollha mitluba fis-sit (https://judiciary.mt/en/application-for-the-judiciary/). Dawn għandhom jintbagħtu sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 28 ta' Novembru, 2025, u għandhom ikunu indirizzati lil:

Is-Segretarju tal-Kumitat dwar il-Ħatriet tal-Ġudikatura
Aġenzija għas-Servizzi tal-Qrati
Binja San Tumas Moore
Triq id-Dejqa
Il-Belt Valletta

Is-7 ta' Novembru, 2025

MINISTRY FOR JUSTICE AND REFORM OF THE CONSTRUCTION SECTOR

Constitution of Malta (Article 96B (1))
Appointment of Judge

The Minister for Justice and Reform of the Construction Sector is inviting applications for the appointment of one (1) Judge.

Applicants must fulfil the conditions set out in Articles 96 and 96B(2) of the Constitution of Malta. Nobody shall be qualified to be appointed Judge unless for a period of, or periods amounting in the aggregate to, not less than twelve years s/he has either practised as an advocate in Malta or served as a Magistrate in Malta or has partly so practised and partly so served.

Applications will be vetted by the Judicial Appointments Committee established by virtue of Article 96A of the Constitution.

Letters of application including all the documents requested in (https://judiciary.mt/en/application-for-the-judiciary/) should be submitted by not later than noon of Friday, 28th November, 2025, and should be addressed to:

The Secretary, Judicial Appointments Committee
Courts Services Agency
St Thomas Moore Building
Triq id-Dejqa
Valletta

7th November, 2025

MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA U R-RIFORMA TAS-SETTUR TAL-KOSTRUZZJONI

Kostituzzjoni ta' Malta
(Artikolu 96B(1) u Artikolu 100)
Ħatra ta' Maġistrati

Il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni jistieden applikazzjonijiet għall-kariga ta' tliet (3) Maġistrati.

L-applikanti għandhom jissodisfaw il-kriterji tal-Artikoli 96B(2) u 100 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Ħadd ma jkun kwalifikat biex ikun maħtur Maġistrat kemm-il darba ma jkunx eżerċita bħala avukat f'Malta għal perjodu jew perjodi li jammontaw b'kollox għal mhux anqas minn seba' snin.

L-applikazzjonijiet jiġu evalwati mill-Kumitat dwar il-Ħatriet tal-Ġudikatura stabbilit permezz tal-Artikolu 96A tal-Kostituzzjoni.

L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu d-dokumenti kollha mitluba fis-sit (https://judiciary.mt/en/application-for-the-judiciary/) u għandhom jintbagħtu sa mhux aktar tard minn nhar il-Ġimgħa, 28 ta' Novembru, 2025, sa nofsinhar, fl-indirizz:

Is-Segretarju tal-Kumitat dwar il-Ħatriet tal-Ġudikatura
Aġenzija għas-Servizzi tal-Qrati
Binja San Tumas Moore
Triq id-Dejqa
Il-Belt Valletta

Is-7 ta' Novembru, 2025

MINISTRY FOR JUSTICE AND REFORM OF THE CONSTRUCTION SECTOR

Constitution of Malta
(Article 96B(1) and Article 100)
Appointment of Magistrates

The Minister for Justice and Reform of the Construction Sector is inviting applications for the Office of three (3) Magistrates.

Applicants must fulfil the conditions set out in Articles 96B(2) and 100 of the Constitution of Malta. Nobody shall be qualified to be appointed Magistrate unless s/he has practised as an advocate in Malta for a period of, or periods amounting in the aggregate to, not less than seven years.

Applications will be vetted by the Judicial Appointments Committee established by virtue of Article 96A of the Constitution.

Letters of application including all the documents requested in the website (https://judiciary.mt/en/application-for-the-judiciary/) should be submitted by not later than Friday, 28th November, 2025, at noon, addressed to:

The Secretary, Judicial Appointments Committee
Courts Services Agency
St Thomas Moore Building,
Triq id-Dejqa
Valletta

7th November, 2025

AĠENZIJA NAZZJONALI TAL-LITTERIŻMU

Espressjoni ta' Interess (Ref 25/086)

Ambaxxaturi tal-Qari

Għan

L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu qiegħda tfittex personalitajiet lokali fuq bażi ta' kuntratt għas-servizz sabiex iwasslu sessjonijiet interattivi ta' qari u rakkuntar ta' stejjer lit-tfal. Il-kandidati eliġibbli jistgħu jkunu atturi, xandara tar-radju u/jew it-televixin, kittieba, żeffiena, atleti, ġurnalisti, kantanti jew preżentaturi li huma magħrufa u stabbiliti fil-qasam tagħhom.

Miri tax-Xogħol

L-Ambaxxaturi tal-Qari magħżula se jkunu qed jagħtu sessjonijiet ta' qari/rakkuntar ta' stejjer maħsuba biex irawmu l-imħabba għall-kotba fost it-tfal u jsostnu l-iżvilupp tal-litteriżmu.

NATIONAL LITERACY AGENCY

Expression of Interest (Ref 25/086)

Reading Ambassadors

Objective

The National Literacy Agency (NLA) is seeking to recruit local personalities on a contract-for-service basis to provide interactive reading and storytelling sessions for children. Eligible candidates may include actors, broadcasters, authors, dancers, sportspersons, journalists, singers, or presenters who are well-known and established in their respective fields.

Scopes of Work

Selected Reading Ambassadors will deliver engaging reading/storytelling sessions designed to foster a love for books and support literacy development.

Kull sessjoni se ddum madwar tliet (3) sigħat, b'siegħa addizzjonali ta' preparazzjoni għal kull siegħa ta' kuntatt, fejn meħtieġ, bl-istess rata tas-sigħat ta' kuntatt.

Ir-rata ta' ħlas hija ta' €13.74 fis-siegħa (eskluża l-VAT). Is-sessjonijiet jistgħu jinkludu tfal, edukaturi u, f'xi każijiet, ġenituri/kustodji.

Il-kandidati magħżula se jkunu responsabbli lejn il-Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu jew ir-rappreżentant tiegħu/tagħha.

Dmirijiet u Responsabbiltajiet

1. L-Ambaxxaturi tal-Qari se jkunu responsabbli biex:

2. Jippreparaw u jagħtu sessjonijiet interattivi ta' qari u rakkuntar ta' stejjer għal tfal u edukaturi;

3. Iżommu standards għoljin ta' professjonalità, kemm fl-imġiba kif ukoll fil-mod kif iwasslu s-sessjonijiet;

4. Jikkollaboraw ma' partijiet interessati rilevanti biex jiġu pprovduti servizzi ta' litteriżmu ta' kwalità u effettivi;

4. Jirrappreżentaw u jassistu lill-Aġenzija waqt attivitajiet jew programmi li jippromovu l-litteriżmu.

Spejjeż

L-ispejjeż kollha sostnuti mill-parteċipanti fir-rigward ta' din l-Espressjoni ta' Interess (Ref. 25/086) għandhom jiġu koperti esklussivament mill-parteċipanti stess. L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu mhix responsabbli u mhu se tkopri l-ebda spiża jew telf sostnut mill-parteċipanti b'rabta ma' kwalunkwe aspett ta' din l-Espressjoni ta' Interess.

Għanijiet Ewlenin

1. Isostnu l-iżvilupp tal-litteriżmu fost it-tfal permezz tal-qari u l-istejjer;

2. Irawmu l-imħabba għall-kotba permezz ta' sessjonijiet ta' qari, ta' kwalità għolja;

3. Jiżguraw it-tisħiħ lingwistiku, jew tal-Malti jew tal-Ingliż, waqt kull sessjoni.

Kriterji ta' Eliġibbiltà

Il-kandidati għandhom jissodisfaw dawn il-kriterji:

Ikunu magħrufa u stabbiliti f'wieħed minn dawn ir-rwoli li ġejjin: atturi, xandara tar-radju u t-televixin, kittieba, żeffiena, atleti, ġurnalisti, kantanti jew preżentaturi.

Each session will last approximately three (3) hours, with an additional 1-hour preparation time for each contact hour, where required, at the same rate as contact hours.

The hourly payment rate is €13.74 per hour (excluding VAT). Sessions may include children, educators, and occasionally parents/caregivers.

The selected candidates will report to the CEO of the National Literacy Agency or a delegated representative.

Duties and Responsibilities

Reading Ambassadors will be responsible for:

1. Preparing and delivering engaging and interactive reading/storytelling sessions for children and their educators;

2. Maintaining high professional standards in both conduct and delivery;

3. Collaborating with relevant stakeholders to ensure quality and effective literacy experiences;

4. Representing and assisting the NLA during organised events promoting various literacy programmes.

Costs

All costs incurred by participants in relation to this Expression of Interest (Ref. 25/086) must be covered exclusively by the participants themselves. The National Literacy Agency shall not be responsible for or cover any expenses or losses incurred by participants in connection with any aspect of this Expression of Interest.

Key Objectives

1. Support literacy development among children through reading and storytelling;

2. Promote the love and enjoyment of books through engaging, high-quality sessions;

3. Ensure full language immersion in either Maltese or English during every session.

Eligibility Criteria

To be eligible, applicants must meet the following criteria:

Be well-known and established in one of the following fields: acting, broadcasting, authorship, dance, sports, journalism, singing, or presenting.

Ikollhom ħiliet ta' komunikazzjoni u fluwenza eċċellenti bil-Malti u/jew bl-Ingliż.

L-impjegati full-time tal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu mhumiex eliġibbli.

Kull parteċipant irid ikun Operatur Ekonomiku li jibagħtilna invoice għall-ħidma tiegħu u rċevuta fiskali bħala konferma tal-ħlas.

Il-kandidati eliġibbli jintalbu jattendu għal intervista bħala parti mill-proċess ta' għażla.

Kif Tapplika

Il-kandidati interessati għandhom jissottomettu:

1. Curriculum Vitae f'format Europass;

2. Kopja taċ-ċertifikat validu tal-kondotta tal-pulizija.

Termini ta' Ħlas

Kull Ambaxxatur tal-Qari jrid jibgħat invoice (kull erba' xhur) għall-ħidma tiegħu, u rċevuta fiskali bħala konferma tal-ħlas.

Ftehim

Din l-Espressjoni ta' Interess hija valida għal tliet (3) snin mid-data tal-ħruġ tagħha u se tibqa' miftuħa matul il-perjodu ta' validità, għal kwalunkwe Operatur Ekonomiku li jissodisfa l-kriterji ta' għażla, billi jiġu kkunsidrati applikazzjonijiet ġodda kull sitt (6) xhur. Kull Operatur Ekonomiku jiġi offrut kuntratt ta' sena li jista' jiġi mġedded kull sena sa tliet (3) snin, suġġett għal prestazzjoni tajba, skont din l-Espressjoni ta' Interess.

Kuntratti mogħtija taħt l-Espressjoni ta' Interess preċedenti se jiġġeddu f'din l-Espressjoni ta' Interess Ref. 25/086, b'kundizzjoni li jkun ingħata servizz tajjeb u jkunu aġġornati d-dokumenti meħtieġa.

Is-sottomissjonijiet f'format diġitali għandhom jintbagħtu fl-indirizz elettroniku (nlarecruitment@ilearn.edu.mt) sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa, 28 ta' Novembru, 2025, f'nofsinhar.

Għal kull sottomissjoni li tirċievi l-Aġenzija, tintbagħat ittra ta' konferma, elettronikament.

Id-deċiżjonijiet finali mistennija jittieħdu fi żmien xahar mill-applikazzjoni, skont din l-Espressjoni ta' Interess (Ref. 25/086).

Possess excellent fluency and communication skills in Maltese and/or English.

Full-time employees of the National Literacy Agency are not eligible.

Each participant must be an Economic Operator capable of issuing an invoice for their work and providing a fiscal receipt as proof of payment.

Shortlisted applicants will be required to attend an interview as part of the selection process.

How to Apply

Interested candidates must submit:

1. A Europass Curriculum Vitae;

2. A copy of a valid police conduct certificate.

Payment Terms

Payment is subject to a quarterly invoice reflecting hours worked. A fiscal receipt must be issued upon payment.

Agreement

This Expression of Interest is valid for three (3) years from its issue date and will remain open throughout its validity period for any Economic Operator who meets the selection criteria. New applications will be considered every six (6) months. Each Economic Operator will be offered a one-year contract, which may be renewed annually for up to three (3) years, subject to good performance.

Contracts previously awarded under past EOIs will be renewed under this EOI, subject to good performance and updated required documents.

Digital submissions must be sent to (nlarecruitment@ilearn.edu.mt) no later than Friday, 28th November, 2025, at noon.

For every submission received, the Agency will issue an electronic confirmation letter.

Final decisions are expected to be made within one month of application submission, in accordance with this Expression of Interest (Ref. 25/086).

Aktar tagħrif jista' jinkiseb permezz ta' ittra elettronika lil (nlarecruitment@ilearn.edu.mt), jew bin-numru tat-telefown 2598 3325 mit-8.30 a.m. sas-2.30 p.m.

Is-7 ta' Novembru, 2025

AĠENZIJA NAZZJONALI TAL-LITTERIŻMU

Espressjoni ta' Interess (Ref. 25/066)

Sejħa għal Espressjoni ta' Interess għall-Evalwazzjoni ta' Testi u Kotba tal-Qari bil-Malti

Introduzzjoni

L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu tistieden persuni kwalifikati li jixtiequ joffru s-servizzi tagħhom bħala Evalwaturi ta' testi u kotba tal-qari bil-Malti, biex jesprimu l-interess tagħhom li jipprovdu dan is-servizz. Is-servizz jista' jinkludi l-evalwazzjoni ta' testi qabel il-pubblikazzjoni kif ukoll l-evalwazzjoni ta' kotba diġà ppubblikati.

Għanijiet

Persuni interessati huma mitluba joffru r-rati tal-ħlas (eskluża l-VAT) għal kull ktieb li jevalwaw, skont iċ-ċekkjatura li tinsab fuq (https://nla.gov.mt/mt/avvizi/), f'kull waħda minn dawn il-kategoriji:

1. Testi u kotba għat-tfal (etajiet sa 7 snin)
2. Testi u kotba għat-tfal (etajiet minn 8 snin sa 12-il sena)
3. Letteratura għall-adolexxenti (etajiet minn 13 sa 18-il sena)

Spejjeż u Responsabbiltajiet

L-ispejjeż kollha sostnuti mill-parteċipanti fir-rigward ta' din l-Espressjoni ta' Interess (Ref. 25/066) għandhom jiġu koperti esklussivament mill-parteċipanti stess. L-NLA mhix responsabbli u mhu se tkopri l-ebda spiża jew telf sostnut mill-parteċipanti b'rabta ma' kwalunkwe aspett ta' din l-Espressjoni ta' Interess.

Ħtiġijiet għas-Sottomissjoni

Il-kandidati għandhom jippreżentaw l-espressjoni ta' interess tagħhom, flimkien ma' ġabra tal-kwalifiki u l-esperjenza f'format tal-Europass Curriculum Vitae u kopja taċ-ċertifikati rilevanti tagħhom.

Kriterji ta' Eliġibbiltà

L-applikanti ma jistgħux ikunu awturi ta' kotba bil-Malti jew impjegati preżenti ta' djar tal-pubblikazzjoni lokali.

Further inquiries may be obtained by email to (nlarecruitment@ilearn.edu.mt), or by telephone number 2598 3325 from 8.30 a.m. to 2.30 p.m.

7th November, 2025

NATIONAL LITERACY AGENCY

Expression of Interest (Ref. 25/066)

Call for Expression of Interest for the Evaluation of Texts and Reading Books in Maltese

Introduction

The National Literacy Agency invites qualified individuals who wish to offer their services as Evaluators of texts and reading books in Maltese to express their interest in providing this service. The service may include the evaluation of texts before publication as well as the evaluation of already published books.

Objectives

Interested individuals are required to submit their proposed rates (excluding VAT) per book evaluated, according to the checklist available at (https://nla.gov.mt/mt/avvizi/), for each of the following categories:

1. Texts and books for children (ages up to 7 years)
2. Texts and books for children (ages 8 to 12 years)
3. Literature for adolescents (ages 13 to 18 years)

Costs and Responsibilities

All costs incurred by participants in relation to this Expression of Interest (Ref. 25/066) must be covered exclusively by the participants themselves. The National Literacy Agency shall not be responsible for or cover any expenses or losses incurred by participants in connection with any aspect of this Expression of Interest.

Submission Requirements

Candidates must submit their expression of interest along with a portfolio of their qualifications and experience, presented in the Europass Curriculum Vitae format, along with copies of their relevant certificates.

Eligibility Criteria

Applicants must not be authors of Maltese books or current employees of local publishing houses.

L-applikanti huma mistennija li jkollhom kwalifika fil-Malti fil-Livell 6 tal-MQF, jew ogħla, u ċertifikat validu fil-qari tal-provi bil-Malti.

Esperjenza ta' xogħol f'dan il-qasam tingħata kunsiderazzjoni xierqa.

L-Aġenzija tirriserva d-dritt li ssejjaħ biss lill-applikanti eliġibbli li joffru l-aħjar prezzijiet.

Kull parteċipant irid ikun Operatur Ekonomiku li jibgħat invoice għall-ħidma tiegħu u rċevuta fiskali bħala konferma tal-ħlas.

Ftehim

Din l-Espressjoni ta' Interess hija valida għal tliet (3) snin mid-data tal-ħruġ tagħha u se tibqa' miftuħa matul il-perjodu ta' validità, għal kwalunkwe Operatur Ekonomiku li jissodisfa l-kriterji ta' għażla, billi jiġu kkunsidrati applikazzjonijiet ġodda kull 6 xhur. Kull Operatur Ekonomiku ser jiġi offrut kuntratt ta' sena li jista' jiġi mġedded kull sena għal tlett snin skond din l-Espressjoni ta' Interess bl-istess rata kwotata fis-sottomissjoni.

Is-sottomissjonijiet f'format diġitali għandhom jintbagħtu fl-indirizz elettroniku (nicole.borg.18@ilearn.edu.mt) sa mhux aktar tard mill-Ħamis, 7 ta' Novembru, 2025, f'nofsinhar.

Għal kull sottomissjoni li tirċievi l-Aġenzija, tintbaghat ittra ta' konferma, elettronikament.

Id-deċiżjonijiet finali mistennija jittieħdu fi żmien xahar mill-applikazzjoni, skont din l-Espressjoni ta' Interess (Ref. 25/066).

Aktar informazzjoni tista' tinkiseb permezz ta' ittra elettronika lil (nicole.borg.18@ilearn.edu.mt), jew bin-numru tat-telefown 2598 3301.

Is-7 ta' Novembru, 2025

AĠENZIJA NAZZJONALI TAL-LITTERIŻMU

Espressjoni ta' Interess (Ref. 25/319)

Sejħa għal Espressjoni ta' Interess għal Bord ta' Evalwaturi ta' Kotba tal-Qari bl-Ingliż Diġà Ppubblikati u Testi

Introduzzjoni

L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu tistieden persuni kwalifikati li jixtiequ joffru s-servizzi tagħhom bħala parti minn Bord ta' Evalwaturi ta' kotba tal-qari bl-Ingliż, diġà

Applicants must hold a qualification in Maltese at MQF Level 6 or higher and possess a valid certificate in Maltese proofreading.

Work experience in this field will be given due consideration.

The Agency reserves the right to contact only eligible applicants who offer the most competitive rates.

Each participant must be an Economic Operator capable of issuing an invoice for their work and providing a fiscal receipt as proof of payment.

Agreement

This Expression of Interest is valid for three (3) years from its issue date and will remain open throughout its validity period for any Economic Operator who meets the selection criteria. New applications will be considered every six months. Each Economic Operator will be offered a one-year contract, which may be renewed annually for up to three years under the same rate quoted in the submission.

Digital submissions must be sent to (nicole.borg.18@ilearn.edu.mt) no later than Thursday, 27th November, 2025, at noon.

For every submission received, the Agency will issue an electronic confirmation letter.

Final decisions are expected to be made within one month of application submission, in accordance with this Expression of Interest (Ref. 25/066).

Further inquiries may be sent by email to (nicole.borg.18@ilearn.edu.mt) or by telephone number 2598 3301.

7th November, 2025

NATIONAL LITERACY AGENCY

Expression of Interest (Ref. 25/319)

Call for Expression of Interest for an Evaluation Board of Scripts and Already Published Reading Books in English

Introduction

The National Literacy Agency invites qualified individuals who wish to offer their services as part of an Evaluation Board to evaluate scripts and already published

ppubblikati, u testi biex jesprimu l-interess tagħhom li jipprovdu dan is-servizz.

Għanijiet

Persuni interessati huma mitluba joffru r-rati tal-ħlas (eskluża l-VAT) għal kull ktieb jew test li jevalwaw, skont iċ-ċekkjatura li tinsab fis-sit elettroniku (https://nla.gov.mt/mt/avvizi/), f'kull waħda mill-kategoriji msemmija hawn taħt. Ir-rati tal-ħlas offruti mill-persuni interessati m'għandhomx jaqbżu r-rati (eskluża l-VAT) provduti f'din l-Espressjoni ta' Interess.

1. Kotba/testi għat-tfal (etajiet sa 7 snin)

i. minn 16 sa 20 paġna – €3
ii. sa 30 paġna – €5

2. Kotba/testi għat-tfal (etajiet minn 8 snin sa 12-il sena)

i. sa 50 paġna – €10
ii. sa 100 paġna – €20

Kotba/testi għall-adolexxenti (etajiet minn 13 sa 16-il sena)

i. sa 500 paġna €40

Spejjeż

L-ispejjeż kollha sostnuti mill-parteċipanti fir-rigward ta' din l-Espressjoni ta' Interess (Ref. 25/319) għandhom jiġu koperti esklussivament mill-parteċipanti stess. L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu mhix responsabbli u mhi se tkopri l-ebda spiża jew telf sostnut mill-parteċipanti b'rabta ma' kwalunkwe aspett ta' din l-Espressjoni ta' Interess.

Responsabbiltajiet

Ir-responsabbiltajiet tal-membri tal-Bord tal-Evalwaturi:

Xogħol b'mod indipendenti:

L-evalwaturi huma mitluba jelenkaw żbalji fil-kotba/testi kemm ortografiċi kif ukoll grammatikali.

Għandhom jikklassifikaw il-kotba/testi f'kategoriji xierqa skont l-età.

Laqgħat fiċ-Ċentru Nazzjonali tal-Litteriżmu:

Il-Bord tal-Evalwaturi hu mistenni jitlaqqa' mhux inqas minn tliet darbiet fis-sena fiċ-Ċentru Nazzjonali tal-Litteriżmu. Din il-laqgħa titħallas b'rata fissa ta' €10.58 (eskluża l-VAT) għall kull siegħa lill-membri tal-bord.

reading books in English to express their interest in providing this service.

Objectives

Interested individuals are required to submit their proposed rates (excluding VAT) per script or book evaluated, according to the checklist available at (https://nla.gov.mt/notices/), for each of the following categories mentioned below. The rates provided below should be considered as the maximum allowable rates (exclusive of VAT).

1. Books/scripts for children (ages up to 7 years)

i. From 16 to 20 pages – €3
ii. Up to 30 pages – €5

2. Books/scripts for children (ages 8 to 12 years)

i. Up to 50 pages – €10
ii. Up to 100 pages – €20

3. Books/scripts for adolescents (ages 13 to 16 years)

i. Up to 500 pages – €40

Costs

All costs incurred by participants in relation to this Expression of Interest (Ref. 25/319) must be covered exclusively by the participants themselves. The National Literacy Agency shall not be responsible for or cover any expenses or losses incurred by participants in connection with any aspect of this Expression of Interest.

Responsibilities

Responsibilities of the Members of the Evaluation Board:

Tasks to be carried out independently:

Evaluators are required to identify and list spelling and grammatical errors in the books/scripts.

They must classify the books/scripts into appropriate categories according to age.

Meetings at the National Literacy Centre:

The Evaluation Board is expected to meet not less than three times per year at the National Literacy Centre. This meeting is paid at a fixed rate of €10.58 (exclusive of VAT) per hour to board members.

Ħtiġiet għas-Sottomissjoni

L-applikanti għandhom jippreżentaw l-espressjoni ta' interess tagħhom, flimkien ma' ġabra tal-kwalifiki miksuba f'format tal-Europass Curriculum Vitae u kopja taċ-ċertifikati rilevanti tagħhom.

Kriterji ta' Eliġibbiltà

L-applikanti ma jistgħux ikunu awturi/illustraturi ta' kotba/testi bl-Ingliż jew impjegati preżenti ta' djar tal-pubblikazzjoni lokali.

L-applikanti jistgħu jkunu edukaturi, librara (li ma jaħdmux direttament ma' pubblikaturi) jew persuni oħra li huma midħla tal-letteratura tat-tfal.

L-applikanti huma mistennija li jkollhom:

kwalifika fl-Ingliż fil-Livell 6 tal-MQF.

L-applikanti se jintalbu jattendu għal intervista. L-Aġenzija tirriserva d-dritt li ssejjaħ biss lill-applikanti eliġibbli li joffru l-aħjar prezzijiet.

Kull parteċipant irid ikun Operatur Ekonomiku li jibgħat invoice għall-ħidma tiegħu u rċevuta fiskali bħala konferma tal-ħlas.

Ftehim

Din l-Espressjoni ta' Interess hija valida għal tliet (3) snin mid-data tal-ħruġ tagħha u se tibqa' miftuħa matul il-perjodu ta' validità, għal kwalunkwe Operatur Ekonomiku li jissodisfa l-kriterji ta' għażla, billi jiġu kkunsidrati applikazzjonijiet ġodda kull sitt (6) xhur. Kull Operatur Ekonomiku ser jiġi offrut kuntratt ta' sena li jista' jiġi mġedded kull sena għal tliet snin skont din l-Espressjoni ta' Interess bl-istess rata kkwotata fis-sottomissjoni.

Biex ikunu kkunsidrati mal-ewwel ġabra ta' applikazzjonijiet, is-sottomissjonijiet f'format diġitali għandhom jintbagħtu lis-Sa Nicole Borg fl-indirizz elettroniku (nicole.borg.18@ilearn.edu.mt) sa mhux aktar tard mill-Ħamis, 27 ta' Novembru, 2025, f'nofsinhar.

Għal kull sottomissjoni li tirċievi l-Aġenzija, tintbagħat ittra ta' konferma, elettronikament.

Id-deċiżjonijiet finali mistennija jittieħdu fi żmien xahar mill-applikazzjoni, skont din l-Espressjoni ta' Interess (Ref. 25/319).

Aktar informazzjoni tista' tinkiseb permezz ta' ittra elettronika lil (nicole.borg.18@ilearn.edu.mt), jew bin-numru tat-telefown 2598 3301.

Is-7 ta' Novembru, 2025

Submission Requirements

Candidates must submit their expression of interest along with a portfolio of their qualifications, presented in the Europass Curriculum Vitae format, along with copies of their relevant certificates.

Eligibility Criteria

Applicants must not be authors/illustrators of English books/scripts or current employees of local publishing houses.

Applicants may be educators, librarians (with no professional ties to publishers), or other individuals who are familiar with children's literature.

Applicants must be in possession of:

a qualification in English at MQF Level 6.

Applicants may be required to attend an interview. The Agency reserves the right to contact only eligible applicants who offer the most competitive rates.

Each participant must be an Economic Operator capable of issuing an invoice for their work and providing a fiscal receipt as proof of payment.

Agreement

This Expression of Interest is valid for three (3) years from its issue date and will remain open throughout its validity period for any Economic Operator who meets the selection criteria. New applications will be considered every six (6) months. Each Economic Operator will be offered a one-year contract, which may be renewed annually for up to three years under the same rate quoted in the submission.

To be considered with the first set of applications, digital submissions must be sent to Ms Nicole Borg (nicole.borg.18@ilearn.edu.mt) no later than Thursday, 27th November, 2025, at noon.

For every submission received, the Agency will issue an electronic confirmation letter.

Final decisions are expected to be made within one month of application submission, in accordance with this Expression of Interest (Ref. 25/319).

Further inquiries may be sent by email to (nicole.borg.18@ilearn.edu.mt), or by telephone number 2598 3301.

7th November, 2025

AĠENZIJA NAZZJONALI TAL-LITTERIŻMU

Sejħa għal Assistent/a fil-Librerija (Sessjonijiet ta' Qari) part-time, mal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu

Numru tal-Permess tal-Jobsplus: 514/2024, it-Tmien Sejħa

L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu qiegħda tilqa' applikazzjonijiet għal Assistent/a fil-Librerija (Sessjonijiet ta' Qari) part-time, b'kuntratt indefinit ta' 20 siegħa fil-ġimgħa. Il-ħtieġa preżenti hija għal xogħol f'Malta, kuljum mit-Tnejn sas-Sibt, bejn id-8.40 a.m. u nofsinhar. Il-kandidat/a magħżula trid tkun disponibbli tagħti sessjonijiet minflok ħaddieħor li jinzerta indispost.

L-applikanti għandhom jissodisfaw dawn il-kriterji ta' eliġibilità sad-data tal-għeluq:

1. Wieħed minn dawn, jew ekwivalenti, jew ogħla:

a. Ċertifikat fil-Livell Avvanzat fil-Livell 4 tal-MQF (Gradi A sa Ċ) jew ekwivalenti, f'lingwa jew f'suġġett umanistiku, preferibbilment fil-Malti jew fl-Ingliż, jew

b. Diploma fil-Livell 4 tal-MQF, f'qasam rilevanti tal-istudji, preferibbilment fl-Edukazzjoni fis-Snin Bikrin, jew

c. Tal-anqas sentejn fil-grad ta' Edukaturi tal-Kindergarten (KGE or KGE1 or KGE2) jew bħala għalliem supplimentari fi skola primarja, jew

d. Tal-anqas ħames snin ta' servizz sodisfaċenti bħala Assistenti tal-Programmi tal-Qari għall-Gost tal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu; U

2. Tal-anqas Livell 3 tal-MQF fil-Malti u/jew fl-Ingliż (ĊES 1-5 jew GCE A-C); U

3. Kapaċi jużaw l-MS Office, partikularment il-Word, l-Outlook, u l-Excel; U

4. Temmew b'suċċess l-Award tal-Istitut tal-Edukazzjoni fil-Qari għall-Gost* jew taħriġ fil-metodoloġija ta' kif taqra lil ħaddieħor u/jew fir-rakkontar tal-istejjer, jew ekwivalenti.

*Applikanti li ma jissodisfawx ir-raba' kriterju, jistgħu japplikaw jekk ikunu lesti li jsegwu b'suċċess l-Award tal-Istitut tal-Edukazzjoni fil-Qari għall-Gost qabel itemmu l-ewwel sena tagħhom fl-impjieg.

Aktar dettalji dwar ir-rwol u l-kundizzjonijiet tal-impjieg jistgħu jinkisbu minn (https://nla.gov.mt/mt/sejhiet/), jew permezz ta' ittra elettronika lil (nlarecruitment@ilearn.edu.mt), jew bin-numru tat-telefown 2598 3325.

NATIONAL LITERACY AGENCY

Call for Part-Time Library Assistants (Reading Sessions) within the National Literacy Agency

Jobsplus Permit Number: 514/2024, Eighth Call

The National Literacy Agency is seeking to recruit Part-Time Library Assistants (Reading Sessions) on an indefinite contract of 20 hours per week. The current need is for work in Malta, Monday to Saturday, between 8.40 a.m. and noon. The selected candidates must be available for replacements.

To be considered eligible, candidates need to be over 18 years of age and fulfil the following criteria by the closing date of this call:

1. Any of the following or equivalent or higher:

a. One A-level at MQF Level 4 (Grades A – C) or equivalent, in any language or humanistic subject, preferably in Maltese or English, or

b. MQF Level 4 Diploma, in a relevant area of studies, preferably in Early Years Education, or

c. At least 2 years in the grade of Kindergarten Educator (KGE or KGE1 or KGE2) or as supply teacher in a primary school, or

d. At least 5 years of satisfactory service as Reading for Pleasure Programmes Assistant for the National Literacy Agency; AND

2. At least MQF Level 3 in Maltese and/or English (SEC 1-5 or GCE A-C); AND

3. Ability to use MS Office, particularly Word, Outlook, and Excel; AND

4. Successful completion of the Institute for Education Award in Reading for Pleasure* or other training in read aloud and/or storytelling methodology or equivalent.

*Candidates who do not satisfy eligibility criterion 4, may apply if they commit to successfully complete the Institute for Education Award in Reading for Pleasure by the end of their first year of employment.

A detailed job description, including conditions of employment, may be obtained from (https://nla.gov.mt/vacancies/), or by email to (nlarecruitment@ilearn.edu.mt), or by telephone number 2598 3325.

Il-kandidati għandhom jibagħtu l-ittra tal-applikazzjoni flimkien mal-kwalifiki u l-esperjenzi fil-format tal-European Curriculum Vitae, kopja taċ-ċertifikati rilevanti tagħhom, ċertifikat tal-kondotta riċenti maħruġ mill-Pulizija u l-lista tax-xogħol li għamlu tul ħajjithom mill-Jobsplus, permezz ta' ittra elettronika lil (nlarecruitment@ilearn.edu.mt) sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa, 21 ta' Novembru, 2025, f'nofsinhar.

L-applikanti jiġu mgħarrfa li tkun waslet l-applikazzjoni fi żmien tlett ijiem ta' xogħol. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

Is-7 ta' Novembru, 2025

KUNSILL MALTI GĦALL-ARTI

Rappreżentant Kulturali għall-Kunsill Malti għall-Arti (ibbażat f'Londra)

Din l-opportunità għal Rappreżentant Kulturali bbażat f'Londra hija parti mill-Istrateġija tar-Relazzjonijiet Kulturali Internazzjonali tal-Kunsill Malti għall-Arti li tkabbar is-setturi kulturali u kreattivi.

Permezz ta' ħidma mill-qrib u taħt is-superviżjoni tad-Direttorat tar-Relazzjonijiet Kulturali Internazzjonali tal-Kunsill Malti għall-Arti, ir-Rappreżentant Kulturali tal-Kunsill Malti għall-Arti għar-Renju Unit u l-Ewropa se jagħti sehmu lejn l-istrateġija u l-viżjoni tal-programm ta' internazzjonalizzazzjoni tal-Kunsill Malti għall-Arti, b'attenzjoni speċjali fuq l-iskambji artistiċi u kulturali internazzjonali, il-kollaborazzjonijiet u l-inizjattivi, li huma parti mill-portafoll tar-Relazzjonijiet Kulturali Internazzjonali tal-Kunsill Malti għall-Arti.

L-għan huwa li r-Rappreżentant Kulturali jagħti opportunità lill-artisti, il-produtturi, u l-prattikanti kulturali u kreattivi biex iżidu l-aċċessibbiltà internazzjonali u jiġu aktar esposti b'mod li jwassalhom iduru bil-produzzjonijiet tagħhom, jibnu networks u jiġu megħjuna joħolqu rabtiet ma' prattikanti fl-industrija bbażati fir-Renju Unit u l-Ewropa; u jesibixxi l-eċċellenza kreattiva Maltija lil dawk li jfasslu l-programmi, il-festivals, l-operaturi u l-udjenzi kulturali u jippromovi d-diversità kulturali waqt li jsaħħaħ ir-relazzjonijiet kulturali mal-Ewropa u r-Renju Unit.

Ir-Responsabbiltajiet Ġenerali

Maniġġjar u żvilupp tar-rappreżentazzjoni tal-KMA fir-Renju Unit u l-Ewropa. Dan jinkludi s-sehem ta' Malta f'inizjattivi u avvenimenti internazzjonali organizzati mill-KMA u n-networks internazzjonali bbażati fir-Renju Unit u l-Ewropa, f'kollaborazzjoni mad-Direttorat tar-Relazzjonijiet Kulturali Internazzjonali;

